# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Disgħa (9) ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 685/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Kristian Balzan [K.I. Numru 11079 (M)]**
**bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Alexander de Mercur [Passaport Brittaniku Numru 560912278]**

*Vs*

**Gabriel de Mercur [Passaport Kanadiż Numru HM615907]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 1 ta' Awissu 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent nomine talab is-segwenti:

   *Illi l-esponent nomine qiegħed iressaq dawn il-proċeduri abbażi ta' deċiżjoni mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2021, mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-Awstrija, liema deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Higher Regional Court Vienna ġewwa l-Awstrija nhar l-għaxra (10) ta' Settembru, 2021.*

   *Illi, fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2021, mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-Awstrija, il-Qorti, filwaqt illi ċaħdet it-talbiet ta' Gabriel de Mercur, ordnat lill-istess Gabriel de Mercur iħallas lil Alexander de Mercur l-ammont ta' għoxrin elf, seba' mija u tnejn u disgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€20,792.76), inkluż l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€3,465.46) rappreżentanti VAT kif ukoll l-ammont ta' seba' mija*

*u ħdax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€711.50) cash expenses, liema ammonti kellhom jitħallsu minn Gabriel de Mercur fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data tad-deċiżjoni (kopja tad-deċiżjoni kif ukoll tat-translation relattiva bl-Ingliż hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A).*

*Illi l-intimat Gabriel de Mercur appella d-deċiżjoni tar-Regional Court fil-Higher Regional Court Vienna, li serviet bħala Qorti tal-Appell fl-imsemmi każ, liema Qorti ċaħdet l-appell tiegħu u ordnat lill-istess Gabriel de Mercur sabiex iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell lil Alexander de Mercur li jammontaw għal tlett elef, mitejn u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€3,287.40), inkluż l-ammont ta' ħames mija u sebgħa u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmi (€547.90) rappreżentanti VAT, u dan skont id-deċiżjoni datata l-għaxra (10) ta' Settembru, 2021 (kopja tad-deċiżjoni tal-appell kif ukoll tat-translation relattiva bl-Ingliż hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B).*

*Illi, permezz ta' żewġ estratti maħruġin mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġie kkonfermat illi d-deċiżjonijiet tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2021, u sussegwentement id-deċiżjoni tal-għaxra (10) ta' Settembru, 2021, huma deċiżjonijiet finali u enforzabbli (kopja tal-estratti hawn annessi u mmarkati bħala Dokument C u Dokument D rispettivament).*

*Illi jeħtieġ illi dawn is-sentenzi jiġi nfurzati w eżegwiti f'Malta u kwindi l-esponenti qegħdin jippreżentaw r-rikors odjern ai termini tal-artikolu 36 u l-artikolu 39 tar-Regolament (UE) 1215/2012, u dana sabiex jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi ma teżisti l-ebda raġuni ai termini tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 1215/2012 illi fuqha jista' jkun hemm rifjut ta' rikonoxximent tas-sentenzi hawn fuq msemmija.*

*Illi, skond l-artikolu 36 tar-Regolament (UE) 1215/2012, sentenza mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali.*

*Illi, skond l-artikolu 39 tar-Regolament (UE) 1215/2012, sentenza mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbilita'.*

*Illi, għalhekk, ir-rikorrent nomine għandu nteress li jitlob ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni opportuna tad-deċiżjonijiet mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2021, mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-Awstrija, u tal-għaxra (10) ta' Settembru, 2021 mill-Higher Regional Court Vienna ġewwa l-Awstrija.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tirrikonoxxi d-deċiżjoni mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2021, mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-*

*Awstrija, fejn il-Qorti ordnat li l-istess Gabriel de Mercur iħallas lil Alexander de Mercur l-ammont ta' għoxrin elf, seba' mija u tnejn u disgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€20,792.76), inkluż l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€3,465.46) rappreżentanti VAT kif ukoll l-ammont ta' seba' mija u ħdax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€711.50) cash expenses.*

*2. Tirrikonoxxi d-deċiżjoni mogħtija fl-għaxra (10) ta' Settembru, 2021, mill-Higher Regional Court Vienna ġewwa l-Awstrija fejn ordnat lill-istess Gabriel de Mercur sabiex iħallas lil Alexander de Mercur l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell li jammontaw għal tlett elef, mitejn u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€3,287.40), inkluż l-ammont ta' ħames mija u sebgħa u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmi (€547.90) rappreżentanti VAT.*

*3. Tiddikjara illi d-deċiżjonijiet mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju, 2021 mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-Awstrija, u tal-għaxra (10) ta' Settembru, 2021, mill-Higher Regional Court Vienna ġewwa l-Awstrija huma eżegwibbli minn Alexander de Mercur kontra l-intimat Gabriel de Mercur fl-intier tagħhom, inkluż l-ispejjeż kollha li ġew inkorsi għat-traduzzjonijiet bl-Ingliż kif ukoll l-ispejjeż nkorsi f'din l-istanza, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mill-għaxra (10) ta' Settembru 2021, sad-data tal-pagament effettiv.*

*4. Tordna n-notifika tad-deċiżjoni dwar ir-rikors odjern lill-intimat fl-indirizz tiegħu ġewwa Flat 6, Hacienda, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema.*

*Salv kull provvediment ieħor illi jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

2. Rat illi fl-1 ta' Settembru 2022, il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro parti u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-20 ta' Ottubru 2022.

3. Rat illi saret in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Novembru 2022 (fol 86).

4. Rat illi saret l-affissjoni ġewwa l-Kunsill Lokali u l-Għassa ta' Tas-Sliema w fl-indirizz Flat 6, Hacienda, Triq Nathalie Poutatin Tabone, Sliema fit-30 ta' Novembru 2022 (fol 88).

5. Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali The Malta Independent fis-27 ta' Diċembru 2022 (fol 107).

6. Rat id-dokumentazzjoni kollha ppreżentati mir-rikorrent a tenur tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 illi tipprovdi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ġewwa Malta.

7. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 36(2) tar-Regolament 1215/2012, ma hemm l-ebda raġuni għaliex tali talba ta' rikonoxximent tas-sentenza tal-Qorti ta' Vienna, l-Awstrija ma għandhiex tintlaqa'.

8. Tiddikjara li l-proċeduri odjerni w d-dokumentazzjoni eżebita jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

9. In vista ta’ dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-każ tiegħu skont il-liġi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti,**

**Tilqa’** t-talbiet tar-rikorrenti *nominee* kif dedotti u għalhekk:

**Tirrikonoxxi** d-deċiżjoni mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta’ Mejju, 2021, mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-Awstrija, fejn il-Qorti ordnat li l-istess Gabriel de Mercur iħallas lil Alexander de Mercur l-ammont ta’ għoxrin elf, seba’ mija u tnejn u disgħin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€20,792.76), inkluż l-ammont ta’ tlett elef, erba’ mija u ħamsa u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€3,465.46) rappreżentanti VAT kif ukoll l-ammont ta’ seba’ mija u ħdax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€711.50) cash expenses.

**Tirrikonoxxi** d-deċiżjoni mogħtija fl-għaxra (10) ta’ Settembru, 2021, mill-Higher Regional Court Vienna ġewwa l-Awstrija fejn ordnat lill-istess Gabriel de Mercur sabiex iħallas lil Alexander de Mercur l-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell li jammontaw għal tlett elef, mitejn u sebgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€3,287.40), inkluż l-ammont ta’ ħames mija u sebgħa u erbgħin Ewro u disgħin ċenteżmi (€547.90) rappreżentanti VAT.

**Tiddikjara** illi d-deċiżjonijiet mogħtija nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta’ Mejju, 2021 mir-Regional Court for Civil Matters Vienna, ġewwa l-Awstrija, u tal-għaxra (10) ta’ Settembru, 2021, mill-Higher Regional Court Vienna ġewwa l-Awstrija huma esegwibbli minn Alexander de Mercur kontra l-intimat Gabriel de Mercur fl-intier tagħhom, inkluż l-ispejjeż kollha li ġew inkorsi għat-traduzzjonijiet bl-Ingliż kif ukoll l-ispejjeż nkorsi f’din l-istanza, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mill-għaxra (10) ta’ Settembru 2021, sad-data tal-pagament effettiv.

Tordna n-notifika tad-deċiżjoni dwar ir-rikors odjern lill-intimat fl-indirizz tiegħu ġewwa Flat 6, Hacienda, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Tas-Sliema.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**